Fanal dejjem jolqot il-għajn, ikun fejn ikun, minħabba d-dawl qawwi li jitfa' fi tberriqa, matul il-lejl u matul il-jum u bl-istruttura tiegħu. Fin-naħa t'isfel ta' Malta naraw il-Fanal ta' Dellimara, fil-qrib tal-port u d-daħla ta' Marsaxlokk, f'tarf il-peninsula tawwalija ta' Dellimara.

Darba, fin-"Namru Station" għand Karmnu Xuereb, in-Namru l-għannej (ġo Detroit), waqt li konna miġburin hemm, id-diskursata tagħna waqgħet fuq dan il-Fanal. Tassew li dan hu magħruf ħafna, mhux biss minna l-Maltin, imma wkoll minn baħħara li jbaħħru fil-qrib u madwar il-gżejjer tagħna.

Kien hemm wieħed fostna, ċertu Ġużeppi Duca minn Bir id-Deheb, raġel imdaħħal fiż-żmien; dan kien ilu ħafna snin jgħix ġol-belt ta' Detroit (Michigan), l-Amerka, fejn kien emigra f'żgħożitu minn qabel l-Ewwel Gwerra Dinjija. Kien sajjied, u għalhekk kien jinżel ix-Xatt (Marsaxlokk għaż-Żwieten u għal uħud minn Bir id-Deheb), u dan kien qalilna din l-istrofa ta' għanja li baqa' jiftakar minn tfulitu:

**Il-Fanal ta' Dellimara / Ta' kull lejl jixgħel sabiħ;**
**Tisthajlu qisu mnara / Fuqha jixgħel il-musbieħ.**

Mela darba fost l-oħrajn wasalt wasla s'għand in-Namru (ġo Detroit) u sibtu qiegħed fil-ġardina li kellu mad-dar, jedha waħdu u jgħanni waqt li kien qalb ix-xitel u s-siġar. Minn dak li kont qed nisma', kien qed jgħanni għanja dwar il-Fanal ta' Dellimara. Min jaf x'nebbħu jgħanni dan! U x'kienu l-ħsibijiet għaddejjin dak il-ħin! Wisq naħseb li kien qed jiftakar f'dawk iż-żminijiet ta' żgħożitu, nhar il-Festa ta' San Girgor, f'xi lejla ta' għana f'Marsaxlokk. Dak iż-żmien kien daqsxejn ta' raħal bi ftit djar ta' sajjieda foqra madwar id-Daħla ta' Sant' Andrija. U mbagħad fid-dalma tal-lejl kien jitlaq ċeklem lura, ma' xi ħbieb fuq karrettun lejn il-Fgura fejn kien joqgħod. Dak iż-żmien il-Fgura kienet kollha għelieqi u raba' għammieli u rziezet imxerrdin 'l hawn u 'l hinn. In-Namru kien tabilħaqq imqanqal dak il-ħin minn ħsibijiet ta' nostalġija. Fuq kollox dan hu l-folklor; ħafna drabi mqanqal minn nostalġija ta' żmien passat li ma narawhx iżjed!

Ftit wara, n-Namru daħal ġewwa fil-kċina u jien dħalt miegħu; qalli: "Anġ, aqbad lapes u karta ħalli tniżżel din l-għanja". Kienet dwar "Il-Fanal ta' Dellimara".

Din ma kinetx l-ewwel darba li kien joqgħod jiddettali xi għanja waqt li kont inniżżel dak li jgħanni.

Ta' min isemmi li daż-żmien, il-Fanal ta' Dellimara, bini pittoresk u romantiku għalina l-Maltin, poplu tal-baħar, mgħadux aktar jiffunzjona; ix-xogħol tiegħu qdieħ; x'aktarx li jsir mużew u fih ikun hemm il-magni oriġinali. Daż-żmien hemm jaħdem floku, fuq daqsxejn ta' struttura, aktar lejn il-ponta ta' dik il-peninsula, fanal modern (lanterna) li jitfa raġġi qawwija bid-dawl elettriku ta' żewġ leħħiet bojod kull darba. Il-fanal jibqa' fil-memorja biss, tifkira tiegħu l-leħħiet, waħda bajda u oħra ħamra. L-għanja tan-Namru tibqa' tifkira ta' dak il-Fanal romantiku fil-folklor tagħna.

**Il-Fanal ta' Dellimara**

(Għanja ta' Karmnu Xuereb - In-Namru)

**l-Fanal ta' Dellimara / Jixgħel ta' kull filgħaxija,**
**Malli jidlam lilu tara / Jitfa' raġġ ta' dawl u dija.**

**Malli jidlam lilu tara / Fuq il-għolja fejn hu qiegħed,**
**Jitfa' raġġi fuq il-baħar, / Juri t-triq għal min hu mbiegħed.**

**Tofroq sfiq dik id-dalma / Leħħa tiddi u bajdana,**
**B'oħra ħamra tleħħ warajha, / L-ilwien sbieħ ta' Malta tagħna!**

**Lill-blat ta' Bengħisa jdawwal, / L-iskoll aħrax tat-Taqtigħa,**
**F'baħar iswed jifrex rotta / U bid-dawl tiegħu juriha.**

**Raġġ fuq wiċċ il-baħar jilma / Ħalli d-dħul tal-bajja juri,**
**Fejn il-kenn u wens isibu, / Lill-kajjikki u lill-vapuri.**

**Merżuq wieħed wara l-ieħor, / Mill-Fanal ta' Dellimara,**
**F'port ta' baħar kalm jistkennu / Is-sajjieda w il-baħħara.**

**Sew ma' nżul ix-xemx il-ħidma / Jibda jitfa' raġġ fiddieni,**
**U matulek il-lejl kollu / Sa ma jżernaq kmieni kmieni.**

**Ta' bla heda dija ħelwa / Ta' kull lejl li minnu tara**

**Jiddi b'raġġi fl-għoli għoli / Il-Fanal ta' Dellimara.**

(Detroit 1974)

---